**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 110 tas-17 ta' April 2023 dwar kliem ta' theddid fil-konfront ta' Membri u dwar il-ħruġ tal-aġenda tal-kumitati**

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2023, l-Onor. Robert Cutajar talab hekk:

"**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni tas-Sedja u ovvjament nirreġistra ilment formali dwar kumitat li ma kellux jitlaqqa' llum, għaliex il-qbil li kien hemm bejn Gvern u Oppożizzjoni kien li filwaqt li mingħajr ma kien hemm il-qbil, però dan ... u allura qed nirreferi għall-Kumitat tal-Abbozzi, għall-Abbozz ta' Liġi Nru 46, dwar l-arresti ta' persuni suspettati. Ilbieraħ, f'din il-pożizzjoni hawnhekk, propju ftit passi 'l bogħod minn fejn qiegħed jien, kelli laqgħa informali prattikament maċ-Chairman ta' dan il-Kumitat, l-Onor. Michael Farrugia, fejn bqajna li bi qbil jinżel fuq l-item tal-aġenda l-kumitat, iżda matul il-ġurnata tal-lum jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-kelliem tal-Oppożizzjoni u l-Ministru responsabbli, dan il-Kumitat ma kellux isir. Jien, fil-fatt wara li tkellimt mal-Whip u l-kelliem tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Karol Aquilina, li iktar tard bil-permess tiegħek jagħmel ukoll ...

**L-ISPEAKER:** Fil-qosor għax qiegħed out of order ... (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Mr Speaker, qed nitlob ...

**L-ISPEAKER:** Bil-permess iva tista'. Agħmilha fil-qosor.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Fil-qosor. Kmieni wara nofsinhar jien, kif isir dejjem, infurmajt b'telefonata lill-Iskrivana tal-Kumitat, uffiċjal tal-Parlament, effiċjenti bħall-kumplament tal-istaff kollu tal-Parlament. Jien infurmat li din il-persuna infurmat, kif tagħmel dejjem, liċ-Chairman li l-Oppożizzjoni ma kienx hemm qbil mal-Gvern u allura l-Kumitat ma kienx se jitlaqqa'. Ġara però li l-Kumitat tlaqqa' mingħajr ma kien hemm qbil, u ovvjament issa qed jiġi interpretat anke mill-midja hemm barra li l-Oppożizzjoni ma ħaditx sehem, u anke stejjer li mhumiex fatti. Allura naħseb li tajjeb li wkoll nistieden lill-Onor. Karol Aquilina, bil-permess tiegħek u tal-Kamra ...

**L-ISPEAKER:** Fil-qosor ħafna, għax kollox qiegħed out of order ...

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** ... għaliex kien hemm kuntatti mal-Ministru konċernat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Michael Farrugia. L-Onor. Karol Aquilina ...

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Tkellem inti. Mhux problema.

**L-ISPEAKER:** M'hawnx permess? (Onor. Membri: Le) L-Onor. Karol Aquilina. Kollox qiegħed out of order. Qed nagħtikom il-ħin malajr.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nikkonferma mija fil-mija dak li qal l-Onor. Cutajar. Niġbed l-attenzjoni li jekk din it-tip ta' koperazzjoni jew nuqqas ta'

koperazzjoni min-naħa tal-Gvern se taqbad din il-*via*, allura din in-naħa tal-Kamra mbagħad trid taġixxi mod ieħor. Id-diskors kien ċar, inkluż fil-preżenza tal-Onor. Farrugia; jekk sa filgħodu ma jkunx hemm qbil dwar dan l-Abbozz ta' Liġi, il-laqgħa tal-Kumitat titħassar. Jien kont hawn fil-Kamra, qed nistenna s-seduta tibda. Minflok, insir naf li ċ-Chairman tal-Kumitat, minn wara dahar l-Oppożizzjoni, beda bil-laqgħa, ipproċeda bil-laqgħa, u mank għajtilna, meta jaf li aħna qegħdin hawnhekk.

**L-ISPEAKER:** Se nisma' lill-Onor. Michael Farrugia u l-Ministru Attard ukoll. Fil-qosor għax kollu ħin mhux skont l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Mhux problema. L-ewwel nett qed nitkellmu fuq Abbozz ta' Liġi 49 u mhux 46. It-tieni, huwa l-President tal-Kumitat tal-Abbozzi li jsejjaħ il-laqgħa tal-Kumitat. Allura kien hemm korrispondenza għaddejja bejn il-Membri kollha tal-Kumitat li kellhom jipparteċipaw ...

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Mhux veru.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili. Jekk se jkun hemm il-kummenti, se nibqa' għaddej ...

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Għandi l-email.

**L-ISPEAKER:** Nisma' lilek, nisma' ... u ma nħallux ... Issa se nisma' lilu. L-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Sur President, jien lest li ngħaddilek il-korrispondenza kollha li kienet għaddejja biex il-Membri tal-Kumitat u fl-ebda ħin ma kien hemm korrispondenza li titlob min-naħa tal-Oppożizzjoni biex dik il-laqgħa li kienet imsejħa ma ssirx.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Irrid niċċara dan il-punt. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ippermettili. Jiġifieri aħna nisimgħu l-Oppożizzjoni hux hekk, minn hawn? U bħala Sedja ma nistax nisma' lill-Gvern? Jekk jogħġbok, mela. Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ma nistax ma nirreaġixxix għall-fatt li l-kelliemi tal-Oppożizzjoni bħal donnu qed jattribwixxi fatti li aħna qegħdin b'xi mod jew ieħor noskuraw jew inxekklu dan il-proċess. Jien f'kull stadju għidt li aħna predisposti li naraw x'emendi għandha l-Oppożizzjoni. L-Oppożizzjoni ma ġietx lura. Aħna min-naħa tagħna mhux se nkunu aħna li nikkanċellaw kumitat li huwa skedat, li ħareġ avviż tal-Kumitat. (Interruzzjonijiet) Għalina din hija ...

**L-ISPEAKER:** Onor. Aquilina, point of order.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Il-Ministru mhux qed jgħid il-verità. Il-Ministru lili għaddieli diversi emendi. Jien, għal kull emenda li għaddieli, għidtlu l-pożizzjoni tagħna x'inhi.

**L-ISPEAKER:** Int għandek spjegazzjoni tad-dettall. Mhux point of order. Jekk jogħġbok, se nisma' l-Ministru. X'inhu l-point of order?

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Il-Ministru mhux qed jgħid il-verità meta jgħid li aħna m'għidnilux il-pożizzjoni tagħna x'inhi.

**L-ISPEAKER:** Se nisma' lill-Ministru u nara dan kollu. L-ilment sar, imbagħad nara jien.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-Kumitat ħareġ avviż u l-avviż qatt ma ġie oġġezzjonat min-naħa tal-Oppożizzjoni, u mhux se tkun in-naħa tal-Gvern li tikkanċella kumitat fuq liġi daqstant importanti, li tittratta s-sigurtà pubblika. Dan il-pajjiż ma jistax jibqa' ostaġġ tal-Oppożizzjoni; Oppożizzjoni mifruda, inkluż fuq suġġett bħal dan.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar, point of order.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Għal darb'oħra, l-Ministru Attard mhux korrett, għaliex jien għandi reġistrat telefonata li għamilt kmieni wara nofsinhar lill-Parlament, lill-uffiċċju tal-Parlament, lill-Iskrivana responsabbli, li tkun hi li tinfurmana bl-aġenda. Dejjem. L-ebda chairman ma jgħidlek. Ministru, jekk ma infurmakx iċ-Chairman tiegħek, problema tagħkom.

**L-ISPEAKER:** Daqshekk se nisma'. Issa nara jien. L-ilment sar. Daqshekk. Ħa nara jien. L-Ordnijiet ... Onor. Cutajar, li kellek tgħid, għidtu. Imbagħad nitkellmu iktar wara. Ħu paċenzja, Onor. Michael Farrugia."

L-Onor. Michael Farrugia ried jitlob ruling fuq xi ħaġa separata. Hawnhekk l-Onor. Michael Farrugia qal hekk:

"Se nkun qiegħed nitlob il-protezzjoni tiegħek għal xi ħaġa li ġrat fil-bini tal-Parlament. Wara l-Kumitat tela' l-Onor. Aquilina u fost kliem li forsi mhux daqshekk ... Meta tieħdu separatament, imma fil-kontenut kollu kemm hu ta' dak li ntqal ... L-ewwel ħaġa, huwa qalli: Ħa nżommha fil-komma. It-tieni: Għadek ma tafx kemm inżommha fil-komma, infakkarhielek u nibqa' nfakkarhielek. It-tielet qalli: U se nżommha mija fil-mija. L-agħar waħda – u għalhekk se nitlob il-protezzjoni tiegħek – hija meta qalli: Jien nagħmilhielek mhux infakkarhielek. Mr Speaker, dan huwa kliem li jien f'ħajti qatt ma heddidt lil ħadd. Mhu se nħalli lil ħadd jhedded lili.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Nisma' lill-Onor. Karol Aquilina, fil-qosor.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Jien tlajt fil-laqgħa tal-Kumitat, insib li l-laqgħa saret mingħajri u mingħajr il-Membri l-oħra tal-Oppożizzjoni. Lill-Onor. Farrugia għidtlu ċar u tond li din l-imġiba tiegħu mhijiex aċċettabbli. Għidtlu wkoll li dan l-akkadut mhux se ninsih. Għidtlu wkoll li għax mhux se ninsih se nieħu azzjoni dwaru. Dan ifisser li meta n-naħa l-oħra issa tiġi tittallab lil din in-naħa biex nikkoperaw dwar ċerti affarijiet jien ...

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Dik l-ispjegazzjoni tiegħek."

Imbagħad is-Sedja tat l-aħħar kelma lill-Onor. Aquilina li qal:

> "Jien għidtlu ċar u tond li se niżgura li dak li ġara ma jintesiex. Infatti infurmajt mill-ewwel lill-Whip, u infurmajt ... (Interruzzjonijiet)
>
> **L-ISPEAKER:** L-Onor. Andy Ellul, fil-qosor.
>
> **ONOR. ANDY ELLUL:** Minkejja li l-aġenda tal-Parlament jagħmilha l-Gvern, jien min-naħa tiegħi, bħala Whip għan-nom tal-Gvern dejjem ikkoperajt mal-Whip tal-Oppożizzjoni, saħansitra kull ġimgħa. Din li jiġi jgħidli d-Deputat Karol Aquilina li mmorru nittallbu, m'għandniex għalfejn għax l-aġenda jagħmilha l-Gvern. Hu għandu l-maġġoranza fil-pajjiż. (Interruzzjonijiet)"

Is-Sedja mbagħad tat l-aħħar kelma lill-Onor. Robert Cutajar li qal:

> "L-Onor. Whip naħdem tajjeb ħafna miegħu. Fuq dan is-suġġett jaf sewwa li llum tkellimna u dak li għadni kif għidt huwa konferma ta' dak li ftehemna jien u hu. Imma sieħbu, il-kollega tal-faċċata daħak bil-Ministru. Dik hi l-verità.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Daqshekk kummenti. Nara jien."

Imbagħad ovvjament is-Sedja ħalliet kollox għar-ruling li qed jiġi deċiż proprju issa.

Is-Sedja rat il-proċedura li dejjem tintuża meta jitlaqqa' kumitat parlamentari u s-Sedja hija kkonfortata b' dak li ddeċidiet f'diversi rulings u tagħmel referenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Eks Speaker, Dr Michael Frendo, fis-Seduta 226 tal-11 ta' Ottubru 2010, fejn kienet qalet hekk:

> "Hija stil ta' President minn ieħor jekk il-President jikkonsultax mal-membri tal-Kumitat qabel ma jfassal din l-Aġenda jew jinterpretax huwa stess l-importanza tad-diskussjoni ta' ċerti temi għall-Kumitat innifsu. Iċ-Chairman għandu r-responsabbiltà li jara li l-Kumitat jiltaqa' u jagħmel il-ħidma tiegħu u ma' din ir-responsabbiltà jġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-ħruġ tal-Aġenda.
>
> Għalhekk iċ-Chairman jidher li għandu l-fakultà li joħroġ l-Aġenda tal-Kumitat li huwa jippresiedi. Naturalment huwa għaqli li kull Chairman dejjem ifittex consensus fuq tali aġenda, li fiha jista' jinkludi wkoll anki items li xi membru tal-Kumitat ikun talab li jiġu diskussi.
>
> It-tielet materja li s-Sedja trid tiddeċiedi tittratta dwar jekk l-Aġenda jew xi item fuqha jistgħux jiġu kkontestati mill-membri tal-Kumitat. L-Ordnijiet Permanenti ma jindikaw xejn speċifiku dwar dan il-punt għar-rigward tal-Kumitati tal-Kamra. Minkejja li tinħareġ mill-President tal-Kumitat wara li jkun fassalha waħdu jew in konsultazzjoni mal-membri tal-Kumitat, is-Sedja hija tal-fehma li l-Aġenda fit-totalità tagħha u għar-rigward ta' kull item tagħha, tibqa' materja ta' kompetenza tal-Kumitat kollu. Allura jsegwi li xejn ma jwaqqaf lil xi membru li jikkontestaha jew li jikkonstesta xi item minnhom jew jikkontesta li jitqiegħed xi item partikolari fuq l-Aġenda li jkun qed jiġi propost, jew anki jipproponi li item jitqiegħed fuq l-Aġenda, u li wkoll jitlob vot fuq dan."

Is-Sedja rat ukoll li kif irrimarkat mill-Onor. Michael Farrugia u anke mill-Ministru Jonathan Attard, ħareġ avviż lill-Membri tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi b'notifika indirizzata lill-Onor. Jonathan Attard, Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Joe Giglio.

Il-laqgħa hija Nru 13 u l-Avviż huwa datat 28 ta' Marzu 2023 għall-Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023, fit-3.00 p.m:

**"Laqgħa Nru 13**

**L-Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023, fit-3.00 p.m.**

L-Onor. Michael Farrugia, President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, javża li l-Kumitat se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023, fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Minuti
2. Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija – Ministru għall-Ġustizzja."

Is-Sedja m'għandha l-ebda korrispondenza li jidher li kien hemm xi oġġezzjoni għal din il-laqgħa tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, għalkemm semgħet id-diskors li ntqal waqt l-ilment li ġie mressaq fis-Seduta tad-29 ta' Marzu 2023, fejn skont l-Onor. Robert Cutajar għamel telefonata, u ġie kkonfermat li saret it-telefonata, li l-Membri tal-Oppożizzjoni ma kenux f'pożizzjoni li jattendu. Il-fatt li saret dik it-telefonata ma jfissirx li ċ-Chairman kien marbut li jwaqqaf il-laqgħa, għalkemm is-Sedja tifhem li dejjem huwa għaqli li jkun hemm consensus dwar meta ssir il-laqgħa tal-Kumitat Parlamentari.

Is-Sedja tħoss li dan l-atteġġjament bejn il-Membri għandu jiġi indirizzat biex kemm jista' jkun, f'kull laqgħa tal-Kumitat ikun hemm il-ftehim tal-ġurnata u l-ħin. Ċertament is-Sedja tifhem li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għal-laqgħa b'mod kapriċċjuż imma jrid ikun hemm raġunijiet serji li minħabba fihom issir talba biex il-laqgħa ssir f'data oħra.

F'dan il-każ, ovvjament, iċ-Chairman sejjaħ il-laqgħa u għaldaqstant, filwaqt li ċ-Chairman kien korrett li kellu kull dritt isejjaħ il-laqgħa wara li ħareġ l-avviż, tifhem li seta' kien hemm aktar abbokkamenti li seta' wassal għal ftehim bejn il-partijiet biex jiġi evitat dan id-diżgwid.

F'dan ir-rigward is-Sedja tissolleċita li kemm jista' jkun malajr isir ftehim bejn il-Membri kollha ta' dan il-Kumitat biex jerġgħu jiltaqgħu biex jiddiskutu l-aġenda kif ħarġet fl-avviż tat-28 ta' Marzu 2023.

Is-Sedja issa se tidħol ukoll fuq ir-ruling li talab l-Onor. Michael Farrugia dwar id-diskors li ntqal fil-konfront tiegħu mill-Onor. Karol Aquilina fl-istess laqgħa tal-Kumitat meta kienet qed tiġi konkluża jew meta kienet diġà ġiet konkluża l-laqgħa tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi tad-29 ta' Marzu 2023. Is-Sedja tifhem li d-diskors li qed issir oġġezzjoni mill-Onor Farrugia huwa dan:

> "Jien nagħmilhielek u mhux infakkarhielek".

Is-Sedja ħadet nota ta' dak li qal l-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2023 meta ta spjega ta' x'ried ifisser b'dan id-diskors jiġifieri li min-naħa tal-Oppożizzjoni ma kenux lesti li jikkoperaw ladarba kien hemm dan l-inċident u nikkwota:

> "Għidtlu wkoll li dan l-akkadut mhux se ninsih. Għidtlu wkoll li mhux se ninsih u se nieħdu azzjoni dwaru. Dan ifisser li meta n-naħa l-oħra issa tiġi tittallab lil din in-naħa biex nikkoperaw dwar ċerti affarijiet, jien ...

Imbagħad l-Onor. Aquilina kompla jispjega:

> "Jien għidtlu ċar u tond li se niżgura li dak li ġara ma jintesiex. Infatti infurmajt mill-ewwel lill-Whip, u infurmajt ..."

Is-Sedja tara illi dan it-tip ta' atteġġjament ma huwa ċertament xejn feliċi, anzi ma jagħmilx ġieh lil din l-Istituzzjoni. Min-naħa l-oħra s-Sedja tifhem li fejn jidħol theddid, dak li ġie indikat mill-Onor. Michael Farrugia li qal l-Onor. Karol Aquilina ma jikkostitwixxix theddid f'dak li huwa tifsira skont il-Kodiċi Kriminali kif inhuwa mfisser fil-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè fl-artiklu 249 li jagħmilha ċara li t-theddid jista' jkun kemm b'mod miktub kif ukoll b'mod verbali fil-konfront ta' persuna jrid ikun b'tali mod li dak li jkun qed jagħmlu jkun qed jhedded b'xi delitt jew b'reat fil-konfront tal-persuna konċernata.

Lanqas ma huwa applikabbli l-artikolu 82A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li dan jitkellem dwar imġiba ta' theddid bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra li b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibgħeda. Lanqas ma huwa applikabbli l-artikolu 339 tal-Kap 9 li jitkellem dwar kontravvenzjonijiet kontra l-persuna.

Is-Sedja rat għalhekk Kapitlu 113 li huwa l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, fejn jidher ċar li l-każ inkwistjoni ma jaqa' taħt l-ebda artiklu ta' dan il-Kapitlu.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordni Permanenti 60 li jgħid:

> "60. Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja tifhem li l-kliem "jien nagħmilhielek u mhux infakkarhielek" li l-Onor. Aquilina qal liċ-Chairman tal-Kumitat dwar il-Konsiderazzjoni tal-Abbozzi ta' Liġi l-Onor. Michael Farrugia mhuwiex xieraq kontra l-karattru tal-istess Onor. Farrugia u għalhekk qed titlob lill-Onor. Aquilina li jirtira dawn il-kliem. Is-Sedja qiegħda tifhem li l-Onor. Aquilina m'għandux isib diffikultà li jirtira l-kliem in kwestjoni fid-dawl ta' dak li rrimarka fis-Seduta tad-29 ta' Marzu 2023, meta qal: "Jiena għidtlu ċar u tond li se niżgura li dak li ġara ma jintesiex.".

Is-Sedja għal darb'oħra tissolleċita lill-Membri kollha tal-Kamra sabiex jikkomportaw ruħhom bl-aktar mod ċivili meta jindirizzaw lil xulxin.

Ir-ruling huwa deċiż.